Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## ID-DISA’ LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 07

It- Tnejn, 9 ta' Dicembru 2024

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-15.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Anthony Barbaro Sant

**ASSENTI B’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

Camille Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ppresjeda l-laqgħa li bdiet fit-15.08pm

**07.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

07.1.1 Il-Kunsilliera Camille Scerri bgħatet tinforma lis-SE li ma setatx tattendi għal laqgħa minħabba raġunijet personali. Il-Kunsill aċċetta l-apoloġija

**07.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal- Minuti**

07.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- minuti tas- Sitt Laqgħa tal-Kunsill Lokali. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa

07.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**07.3 Kumunikazzjoni mis- Sindku**

07.3.1 Is- Sindku qal li llum kellu laqgħa mal-perit biex jiġi stabbilit l-ammont ta' lampi ornamentali li hemm bzonn jitwaħħlu flok il-bollards tad-dawl prezenti fi Gnien Howard fejn l-ammont huwa ta' 30 lampa ornamentali. Dan il-proġett kif tkellimna fil-laqgħa ta' qabel ser isir bil-finanzjament mill-Awtorita' ta' l- Ippjanar taħt l-iskema "Sebbaħ Il-Lokal" fejn għandna allokazzjoni ta' €50,000.

07.3.2 Is- Sindku infurma lil Kunsill li f'Jannar ser jibdew jitwaħħlu l-bins il-ġodda ġewwa Howard Gardens.

07.3.3 Is- Sindku ta xi dettalji fuq il- kunċert tal-milied li ser jittella' nhar il-18 ta Diċembru 2024 ġewwa il-Kattidral ta' L-Mdina. Huwa qal li bħala organizzazzjoni ta' dan il-kunċert qed isir b'kollaborazzjoni mar- Reġjun Punent fejn ir-Reġjun ħa ħsieb dak li jirrigwarda loġistika kif ukoll il-parteċipanti ta' dan il- kunċert. S'intendi bħala Kunsill rridu nappruvaw il-ħlasijiet lil dawn l-artisti.

07.3.3.1 B'rabta ma' dawn il-kunċert ġew pprezentati quddiem il-Kunsill dawn il-kwotazzjonijiet fejn il-Kunsill ddeċieda li minħabba raġunijiet tekniċi u artistiċi b'rabta ma' dan il-kunċert qed jinħarġu direct orders.

07.3.4 Is- Sindku infurma lil Kunsill li għamel arranġamenti ma' Transport Malta fejn ser jiġu nstallati xi bollards fil-Foss ta' L-Mdina għal raġunijiet ta' sigurta

07.3.5 Is- Sindku infurma lil Kunsill li x-xogħolijiet ta' *gutters* quddiem il-venda tal-karozzini tlestew.

07.3.6 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li x-xogħolijiet fuq il-pavimentar l-ġdid ġewwa l-Mdina li kellhom jibdew f' Novembru li għadda minn Infrastructure Malta ġew mressqa għal l-aħħar ta'

Jannar 2025

07.3.7 Is- Sindku pprezenta pjanta ta' *traffic management* quddiem id- daħla principali ta' l-Mdina għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta mill-Perit. Is- Sindku ser jitkellem mal-perit biex jaraw hemx xi alternattivi oħra għal dan it-*traffic management*.

07.3.8 Is- Sindku qali li kien qed jitkellem ma' l-Arċipriet tal-Kattidral fejn ħarġu bl-idea li għal Milied 2025 tiġi mtella quddiem il- Kattidral *full- size* presepju b'kollaborazzjoni mal-Kunsill. Fi Frar li ġej ser jiltaqgħu ma' l-Ghaqda Hbieb tal-Presepji biex jaraw x'jista' jsir.

07.3.9 Is- Sindku nforma lil- Kunsill li b'rabta ma' l-installazzjoni tas- CCTV's ġewwa Howard Gardens deherlu li l-ammont stabbilit ta' cameras installati wara konsultazzjoni mal-kuntrattur għandhom jizdiedu minħabba li f'ċertu partijiet tal-ġnien, is-sigar kienu qed jostakolaw il-vizjoni.

07.3.9.1 F'dan ir-rigward għal fini tat-termini tal-kuntratt kien hemm bzonn ta' approvazzjoni mill-Kunsill għal varjazzjoni fil-kuntratt li jammonta għal €1563.68. Il-Kunsill approva din il-varjazzjoni.

**07.4 Installazzjoni ta' dawl dekorattiv tal- Milied MLQC001/24- Approvazzjoni**

07.4.1 SE poġġa fuq il-mejda kwotazzjoni waħda li ġiet sottomessa minn CLD għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill. L-offerta tammonta għas-somma ta' € 5,500 VAT eskluz

07.4.3 Is- Viċi Sindku ppropona li napprovaw din l-offerta li kienet sekondata mill-Kunsillier Alfred Barbaro Sant.

07.4.4 Il-Kunsill qabel unanimament

**07.5 Tiġdid ta' Ftehim ta' Kollaborazzjoni ma Green Pak- Ibins**

07.5. Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra abbozz ta' ftehim ta' tiġdid ma' GreenPak dwar is-servizzi ta' *waste management*- Ibins

06.6 Fuq proposta tal-Kunsilliera Maryann Sultana li kienet ssekondata mill- Kunsillier Alfred Barbaro Sant dan ir-ftehim ġie approvat unanimament.

**07.6 Ftuħ tal-Ġublew- Attivita' ġewwa l-Mdina**

06.1 SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra ittra mingħand l-Arċidioċesi ta' Malta fejn infurmawna li b'rabta mas- Sena tal-Ġublew ser ssir attivita' ġewwa l-Mdina u għaldaqstant talbu li jsiu xi arranġamenti fuq loġistika dak nhar. Il-Kunsill approva b'ċertu kundizzjonijiet.

**07.7 Tiġdid ta' Ftehim ma' Gokker Ltd għaz-zamma u manutenzjoni tal-playgound**

07.7.1 Is- SE infurma lil Kunsill li l-ftehim li hemm ma' Gokker Ltd biex jieħdu ħsieb z-zamma u manutenzjoni tal-playground skada u talab lil Kunsill jikkunsidra li jġedded dan il-ftehim fejn

fl-aħħar sena din il-kumpanija ħadet ħsieb mill-aktar professjonali u li għal grazzja ta' alla ma nqalawx xi aċċidenti. Il- Kunsill approva li jġedded dan il-ftehim għal sena oħra.

**07.8 Sħubija ma' l- Assoċjazzjoni Focus Europe- Approvazzjoni.**

07.8.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra abbozz ta' sħubija ma' l-assoċjazzjoni Focus Europe fejn din ser tieħu ħsieb li taġġorna lil Kunsill fuq fondi ewropej li jezistu u li bħala Kunsill nistgħu nibbenifikaw minnhom u bħala assocjazzjoni jieħdu ħsieb japplikaw għan-nom tagħhna. Il-Kunsill approva li jsir dan il-ftehim u titħallas il- mizata ta' sħubija.

**07.9 Medieval Mdina 2025- Approvazzjoni ta' proposti artistiċi barranin**

07.9.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra proposti mibgħuta minn artisti u gruppi barranin biex jipparteċipaw fil-Festival Medieval Mdina 2025 wara li ġew invitati mill-Kunsill.

07.9.1.1 Il-Kunsill approva din il-lista ta' parteċipazzjoni.

**07.10 Ilmenti u items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill**

07.10.1 AKL2024/083- Polza tal-Assigurazzjoni tas- Saħħa 2025- Il- Kunsill ser jissieħeb f'din il-polza

07.10.2 Reġjun Punent- Hotspots ta' dumping biex jsri sorvelljanza mil- LESA.

07.10.3 Focus Europe- Stedina biex Kunsill jipparteċipa fl-attivitajiet ġewwa Brussels nhar il-25 u 26 ta' Frar 2025 bit-tema Focus Europe- The Network of European Territories. Il-Kunsill staqsa lis- SE jekk iridx jattendi. Huwa aċċetta u rringrazzja lil Kunsill.

07.10.4 SPI/ SCI/8/ 2024- Espressjoni ta' Interess-Finanzjament Karnival 2025- Il-Kunsill nnota l-kontenut tad-dokument

07.10.5 Mdina Beyond Light Exhibition- Talba minn Visual Non Visual Network biex fis-Sala tal-Kunsill tittella b'mod permanenti esibizzjoni bit-tema Art Beyond Light Exhibition. Il-Kunsill ma approvax din it-talba

07.10.6 SEM- James Ellis- talba biex bħala tifkira ta' missieru ikun hemm bank ta' mistrieh mpoġġi ddedikat lilu ġewwa Howard Gardens. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

07.10.7 Classic Fiat 500 Group- Talba biex tittella' wirja ta' karozzi ġewwa l-Mdina. Il-Kunsill ma' approvax

**07.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

07.11.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li jġibu d-data tal- 9 ta' Diċembru 2024 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta' € 31,981.30

07.11.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill nanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ

Kunsilliera biex juru li hu dokument korretta.

**07.12 Tmiem tal- Laqgħa**

07.12.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil- 17.17pm u ġiet aġġornata għal-10 ta' Jannar 2025 fit-3pm.

| | |
|---|---|
| FFIRMATI | FFIRMATI |
| ____________________ | ____________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data:___20 ta' Jannar 2025__